Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2017/C 205/06)

Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1], in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] qed jiġu emendati kif ġej:

Fil-paġna 381, **"9503 00 10 Triċikletti, skuters, karozzi tal-pedali u ġugarelli bir-roti simili; karrozzi tal-pupi"**, *jiddaħħal dan it-test wara t-test eżistenti:*

"Din is-subintestatura tinkludi wkoll l-iskuters mgħammra b'mutur awżiljarju, diment li ma jinqabżux dawn il-limiti:

— veloċità li ma taqbiżx l-20 km fis-siegħa,

— piż nett li ma jaqbiżx it-12 kg,

— trasmissjoni b'veloċità waħda,

— brejk f'id waħda jew f'sieq waħda għar-rota ta' wara.

Jekk xi wieħed minn dawn il-kriterji ma jkunx issodisfat, l-iskuters mgħammra b'mutur awżiljarju jridu jiġu klassifikati taħt l-intestatura 8711."

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju, 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

[2] ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1.